"Tajjeb, basta l-aqwa u l-aħjar li għandna Malta," wieġbet.
"U għall-isptar? Fejn nagħmlu l-operazzjoni?"
"L-isptar, eh?"
"Agħżel int. Ngħidu aħna Saint Luke's, il-Blue Sisters, Santa Caterina..."
"Ara, Professur, agħżel int, basta l-aqwa u l-aħjar. Biss kamra privata, għax naħseb dak il-krib tal-morda jbeżżagħha liċ-ċkejkna Clothilde. Kamra waħidha u s'intendi kemm iddum l-isptar inkun irrid noqgħod magħha jien. Aħseb għal kamra b'żewġ sodod, waħda għal Clotilde u l-oħra għalija biex noqgħod magħha kemm iddum l-isptar; u, bilħaqq, kemm tkun teħtieġ tibqa' l-isptar? Halli nara ma' min ser inħalli ż-żewġt itfal il-kbar sakemm indum barra mid-dar."
"U kemm tista' ddum? Ġimgħa? Bl-eżatt eżatt ma nħobbx ngħid minn qabel, għax ix-xitan kelb u f'dawn l-affarijiet ġurnata 'l hawn u 'l hemm ma tistax tintrabat biha minn qabel. Insomma, dak naraw... skond ma jinqala' nagħmlu..."
"Hekk hu, imma, Professur, m'hu se jinqala' xejn, hux?"
"U le, xi tridu jinqala'?"
"Mhux se tmutli, hux?"
"U le!"
"Imma żgur?"
"Isma', garanzija ma nistax nagħti. Fuq il-Bambin m'hemm ħadd."
"Insomma... Imma, Professur, qisu li ma ttuhiex oppju żejjed."
"U le, mel'aħna boloh?"
"Lanqas nieqes."
"Lanqas nieqes."
"Preċiż..."
"Eżatt; kemm ikun hemm bżonn. Tajjeb?"
"Tajjeb, u kollox mill-aqwa u mill-aħjar."
"Kollox mill-aqwa u mill-aħjar."
Intgħażlet il-ġurnata, inqala' t-tabib X, ittieħdet kamra fl-aqwa sptar b'żewġ sodod, waħda għaċ-ċkejkna Clothilde u l-oħra għas-sinjura Martha, it-tfal il-kbar tas-sinjura Martha marru għand in-nanna; Clothilde ngħatat l-oppju la nieqes u lanqas żejjed, kollox bil-preċiż; il-Professur qata' barra l-laħam li hu kien jifhem li kien żejjed; kollox mar tajjeb u, wara ġimgħa, is-sinjura Martha kienet



lura d-dar qisu qatt ma kien xejn...
Lgħada għal xi l-għaxra ta' fil-għodu tal-posta ħabbat il-bieb. On hemm ittra għas-sinjura Martha.
Fethitha. Sabet il-kont ta' l-isptar flimkien ma' dak tal-Professur tat-tabib X. Kien ilaħħaq mal-ħamsin lira.
Is-sinjura Martha lissnet minn taħt l-ilsien: "Dan serq." Tefgħet fuqha libsa malajr malajr u marret tfittex lill-Professur biex tara l-affari kif inhi sew.
Il-Professur, meta raha nifisha maqtugħ, qalilha:
"Ma ġara xejn, hux?"
"Wasalli dan il-kont; ma jidhirlekx li hawn xi żball, hux?"
Il-Professur ta lemħa lill-kont u, ta' ftit kliem li kien, qalilha.
"Ma jidhirx li hawn xi żball."
Is-sinjura Martha: "U ġieżu ġież, ħamsin lira ta' xiex?"
Il-Professur niżżel rasu u dawwar wiċċu 'l hemm u bejnu u bejn ruħu qal, "Basta kollox mill-aqwa u mill-aħjar."

### F'JUM IL-MEWTA TAL-POETESSA GĦAWDXIJA

# MARY MEILAK

Kien fl-ewwel jum ta' Jannar il-kiesaħ,
meta ġa bexbex u ħarġet ix-xemx,
li ħarbet id-dalma u firxet is-sħana
u kollox ħa l-ħajja fejn donnu ma hemmx.

Aħbar l-iktar kerha, li tinfed ġol-qalb,
dlonk ħarbet u xterdet ma' beltna:
li mietet Miss Meilak il-mara poeta
u nikta ta' għafsa inħasset ma' artna.

Imma fuq kollox fil-bniedem tas-sengħa
mhux kollox jispiċċa, mhux kollox jintemm,
il-mewt dak li tisraq iroddu ħaddieħor
imkebbes għal għajru b'imħabba ta' ġenn.

Din l-ewwel poeta, il-mara Għawdxija,
imsaħħra fuq Għawdex għannitlu qatigħ,
u tibqa' tissemma u mafkar jinbena
f'quċċata jitpoġġa, isimha għall-ġieħ.

DUN NIKOL VELLA APAP